31994D0325

L 145/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.6.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-19 ta' Mejju 1994 li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u ta' akkwakultura li joriġinaw mit-Tajlandja

(94/325/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbillixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni żar it-Tajlandja sabiex jagħmel spezzjoni u jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom jiġu prodotti, maħżuna u mibgħuta prodotti tas-sajd lill-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni Tajlandiża dwar spezzjoni ta' saħħa u sorveljanza fuq prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Koperattivi, Dipartiment tas-Sajd, l-awtorità kompetenti Tajlandiża, u d-Diviżjoni ta' Spezzjonar tal-Ħut u Kontroll tal-Kwalità, id-dipartiment ta' spezzjoni tiegħu, huma kapaċi jivverifikaw b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġijiet minimi dwar il-lingwa/i li fiha jrid jiġi abbozzat u l-kwalifiki tal-persuna awtorizzata li tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka fuq pakketti ta' prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, trid titħejja lista ta' stabbilimenti approvati; filwaqt li dik il-lista għandha titħejja fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Koperattivi, id-Dipartiment tas-Sajd, lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Kooperattivi, Dipartiment tas-Sajd, li jrid jiżgura konformità mad-disposizzjonijiet stabbiliti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Koperattivi, Dipartiment tas-Sajd, ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali dwar konformità marregoli stabbiliti f'Kapitolu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar l-adeżjoni tal-ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti minn dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti;

Billi l-miżuri provvduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Koperattivi, Dipartiment tas-Sajd (Diviżjoni ta' Spezzjonar tal-Ħut u Kontroll tal-Kwalità), għandu jkun l-awtorità kompetenti fit-Tajlandja għall-verifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' prodotti tas-sajd u akkwakultura mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u akkwakultura li joriġinaw mit-Tajlandja, iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat tas-saħħa oriġinali nnumerat, mimli kif dovut, iffirmat, datat u li jkun jinkludi folja waħda skond il-mudell fl-Anness A ma' din;

2. il-prodotti jridu jaslu mingħand stabbilimenti approvati mniżżla fl-Anness B ta' din;

3. minbarra fil-każ ta' prodotti ta' sajd iffriżati bl-ingrossa u maħsuba għall-manufattura ta' ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom juru l-kelma "Tajland" u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini f'ittri li ma jitħasrux.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, pġ. 15.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 2(1) għandu jiġi magħmul mill-inqas f'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn isiru l-kontrolli.

2. Iċ-ċertifikat għandu juri l-isem, il-kapaċità u firma tar-rappreżentant tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Koperattivi, Dipartiment tas-Sajd, u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' awtorizazzjonijiet oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Awissu 1994.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

HEALTH CERTIFICATE

for fishery and aquaculture products originating in Thailand and intended for export to the European Community

In-numru ta' riferenza .....

Il-pajjiż li qed jibgħat: IT-TAJLANDJA

Awtorità kompetenti: *Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Koperattivi, id-Dipartiment tas-Sajd*

Id-Dipartiment ta' l-Ispezzjonijiet: *Id-Diviżjoni tal-kontroll tal-kwalità u l-ispezzjoni tal-ħut*

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tal-ħut**

Deskrizzjoni tal-prodott (1) : ħut tal-baħar – awkakultura

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip ta' trattament (2) .....

Il-kodiċi (fejn hu possibbli): .....

Imballaġġ: .....

Numru ta' pakki: .....

Piż nett: .....

It-temperatura meħtieġa waqt it-traġitt: .....

II. **L-Oriġini tal-prodott**

Isem/Ismijiet u t-timbri meħtieġa għall-approvazzjoni mill-*Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Koperattivi, id-Dipartiment tas-Sajd*, għall-esportazzjoni fil-KE:

.....

.....

.....

.....

.....

III. **Id-destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti se jitilqu

minn: .....
(il-post tat-tluq)

sa: .....
(isem il-pajjiż u l-post tal-wasla)

b'dan il-mezz ta' trasport: .....

Isem u kunjom tal-kunduttur: .....

.....

.....

Isem il-kunsinnatarju u l-indirizz tal-post tal-wasla: .....

.....

.....

IV. **Ix-xhieda tas-Saħħa**

L-ispettur inkarigat hawnhekk qed jikkonferma li l-ħut tal-baħar u akwakulturali ta' hawn taħt:

1. kinu maqbuda minn bastimenti fi bil mar-regolamenti tas-saħħa Mekk kif stipulati fid-Drettiva 92/48/KEE;
2. kienu proċessati, preparati, iffriżati u maħżuna f'imħażen kemm apposta Mekk kif inhuma r-regolamenti stipulati f'Kapitoli II, III u IV ta dan l-Anness ta' din id-Deirettiva 91/493/KEE;
3. kienu sottopsti għal eżamijiet ta' saħħa Mekk kif inhuma mniżżlin ir-regolamenti ta' Kapitelu V ta' dan l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(1) Ħassar fejn hemm bżonn
(2) Ħajjin, imkessħin, immelħa, priservati, ...

4. huma ppakkjati , immarkatim, maħżuna u ttraportati bi qbil mal-kapitli VI, VII, u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
5. ma joriġinawx minn speċi tossiċi li fihom il-bio-tossiku;
6. għaddew mill-eżamijiet organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobioloġiċi għal ċerti kategoriji ta' prodotti tal-ħut skond id-Direttiva 91/493/KEE u l-implmentazzjoni tagħha.
7. barra minn hekk, fejn il-prodotti tal-ħut huma friżati jew proċessati l-molluski : dawn kienu miġjuba mill-produzzjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet li huma ekwivalenti għal dawk imsemmija mid-Direttiva 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa u l-produzzjoni tal-molluski.

Magħmul fil-: ....., nhar : .....
(post) (data)

Timbru
Uffiċċjali

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċċjali
(isem b'ittri kbar, il-kariga u l-kwalifiki tal- persuna li qed tiffirma)

ANNESS B

LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI

Nru ta' approvazzjoni	Ditta	Indirizz	Approvazzjoni moghtija sa (1)
1 001	A & N Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 002	Aquastar Foods Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 003	Klang Co., Ltd	Rayong	Bla limitu
1 004	Lucky Union Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 005	N & N Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 006	Seafoods Enterprise Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 007	Siam Ocean Frozen Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 008	Surapon Nichirei Foods Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 009	Surapon Seafoods Public Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 010	Surat Seafoods Co., Ltd	Suratthani	Bla limitu
1 011	The Thai Fisheries Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 012	The Thai Fisheries Cooperation Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 013	Anglo-Siam Seafoods Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 014	I.C.C. Cosmos Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 015	Kiang Huat Sea Gull Trading Frozen Food Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 016	Narong Seafood Co., Ltd (Samutsakorn Branch)	Samutsakorn	Bla limitu
1 017	Okeanos Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 018	Overseas Marine & Cold Storage Co., Ltd	Chana, Songkhla	Bla limitu
1 019	Premier Frozen Products Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 020	Seafresh Industry Public Co., Ltd	Chumporn	Bla limitu
1 021	STC Foodpak Ltd	Chonburi	Bla limitu
1 022	Siam Tin Food Product Co., Ltd	Satun	Bla limitu
1 023	Thai Luxe Enterprise Co., Ltd	Samutsongkram	Bla limitu
1 024	Thai Prawn Culture Center Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 025	Thai Union Frozen Products Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 026	A.P. Frozen Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 027	Bright Sea Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 028	Chaivaree Marine Products Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 029	Co-op Foods (Thailand) Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 030	Far East Cold Storage Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 031	FriOnor. (Thailand) Ltd	Bangkok	Bla limitu
1 032	Kantang Cold Storage Industry Co., Ltd	Trang	Bla limitu
1 033	Kantang Seafood Co., Ltd	Trang	Bla limitu
1 034	Kingfisher Holdings Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 035	Kingfisher Holdings Ltd (Songkhla Branch)	Songkhla	Bla limitu
1 036	May Ao Co., Ltd	Bangkok	Bla limitu
1 037	Narong Seafood Co., Ltd (Songkhla Branch)	Songkhla	Bla limitu
1 038	Ongkorn Cold Storage Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 039	Pakpanang Coldstorage Co., Ltd	Nakornsrithamarat	Bla limitu
1 040	Queen Marine Food Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 041	Sam D Farm Co., Ltd	Chumphon	Bla limitu
1 042	S. Chaivaree Cold Storage Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 043	Seafood City Co., Ltd	Nakornsrithamarat	Bla limitu
1 044	Sea Horse Public Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 045	Sea Horse Public Co., Ltd Donsak Branch	Suratthani	Bla limitu
1 046	Sea Horse Public Co., Ltd Krabi Branch	Krabi	Bla limitu
1 047	Sea Horse (Suratthani) Trading Co., Ltd	Suratthani	Bla limitu
1 048	Shianlin Bangkok Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 049	Siamchai International Food Co., Ltd	Ranong	Bla limitu

(1) Data ta' l-gheluq ta' approvazzjoni, jew bla limitu.

Nru ta' approvazzjoni	Ditta	Indirizz	Approvazzjoni mogħtija sa (1)
1 050	S.K. Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 051	Spi Canning Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 052	Star Frozen Foods Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 053	Takzin Samut Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 054	Tep Kinsho Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 055	Teppitak Seafoods Co., Ltd	Pattanee	Bla limitu
1 056	Tey Seng Cold Storage Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 057	Thai International Seafoods Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 058	Thailand Fishery Cold Storage Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 059	Trang Seafood Products Co., Ltd	Trang	Bla limitu
1 060	Transamut Food Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 061	Tropical Seafood Products Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 062	Transiam Food Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 063	The Union Frozen Products Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 064	V.I. International Co., Ltd	Ranong	Bla limitu
1 065	Yeenin Frozen Products Co., Ltd	Rayong	Bla limitu
1 066	Apitoon Enterprise Industry Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 067	B.S. Manufacturing Co., Ltd	Bangkok	Bla limitu
1 068	Chao Phraya Coldstorage Co., Ltd	Bangkok	Bla limitu
1 069	Man A. Frozen Foods Co., Ltd	Songkhla	31 ta' Mejju, 1995
1 070	Pacific Fish Processing Co., Ltd	Songkhla	31 ta' Mejju, 1995
1 071	Southern Marine Products Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 072	Thavee Seafood Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 073	Thai Agri Foods Co., Ltd	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
1 074	Thai Royal Frozen Food Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 075	Unicord Public Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
1 076	United Cold Storage Co., Ltd	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
1 077	Patarat Tanakorn Co., Ltd	Ratchburi	Bla limitu
1 078	Pacific Kaneka Foods Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 079	Sethachon Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 080	Pacific A.C. Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 081	Sakorn Fishery Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 082	King Cold Storage Industry Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
1 083	Aksara Foods Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 084	Asian Seafoods Coldstorage Public Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 085	Andaman Seafood Co., Ltd	Ranong	Bla limitu
1 086	T.S. Processing Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
1 087	Thai Excel Foods Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
1 088	Thai Seri Universal Co., Ltd	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
2 001	ISA (International Seafood Associates) Co., Ltd	Nakornprathom	Bla limitu
2 002	Pataya Food Industries Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
2 003	Southeast Asian Packaging And Canning Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
2 004	Chotiwat Manufacturing Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
2 005	Thai Union Manufacturing Co., Ltd	Samutsakorn	Bla limitu
2 006	Continental Pacific (1979) Ltd	Pattani	Bla limitu
2 007	Pan Asia (1981) Co., Ltd	Suratthani	Bla limitu
2 008	R.S. Cannery Co., Ltd	Samutprakarn	Bla limitu
2 009	Sea Horse Public Co., Ltd (Cannery)	Songkhla	31 ta' Mejju, 1995
2 010	S.K. Foods Co., Ltd (Cannery)	Samutsakorn	Bla limitu
2 011	Narong Canning Co., Ltd	Bangkok	Bla limitu
2 012	Tropical Canning (Thailand) Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu
2 013	Songkla Canning Public Co., Ltd	Songkhla	Bla limitu

(1) Data ta' l-għeluq ta' approvazzjoni, jew bla limitu.

Nru ta' approvazzjoni	Ditta	Indirizz	Approvazzjoni mogħtija sa (1)
2 014	Spi Canning Co., Ltd (Cannery)	Samutprakarn	Bla limitu
2 015	Thai Agri Foods Co., Ltd (Cannery)	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
2 016	Surat Canning Co., Ltd	Suratthani	Bla limitu
2 017	Royal Canning Co., Ltd	Songkhla	31 ta' Mejju, 1995
2 018	Siam Tin Food Product Co., Ltd (Cannery)	Satun	Bla limitu
2 019	Premier Canning Industry Co., Ltd	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
2 020	Pattani Food Industries Co., Ltd	Pattani	Bla limitu
2 021	Poosin Thang Nguan Hah Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
2 022	B & M Products Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
2 023	Chin Huay Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
2 024	Eastern Packer (AK) Co., Ltd	Trad	31 ta' Mejju, 1995
2 025	Nimit Intermark Co., Ltd	Samutprakarn	31 ta' Mejju, 1995
2 026	On-Green Produces Co., Ltd	Samutsakorn	31 ta' Mejju, 1995
2 027	Unicord Public Co., Ltd (Cannery)	Samutsakorn	Bla limitu

(1) Data ta' l-għeluq ta' approvazzjoni, jew bla limitu.